VALLETTA
*Città Umilissima*

MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

Il-Hamis 16 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fil-16.00hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Jurgen Briffa – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier – via Teams
Vincent Fabri – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Nil

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgha. Il-Kunsill qal it-talba.

## 48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

48.1.1 Nil

## 48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.2.1 RA informa li punt 47.35.1 trid tigi iz-Zona ta' l-arcipierku .
Punt 47.5.4 trid titnehha kuntrattur u tigi kollettur biss. Ikkonfirma li hu mal-Kollettur biss jitkellem.

48.2.2 CM staqsa fuq il-punt 47.2.2 ghal xi updates fuq tal parking ta Triq san pawl.
GA spjegat li hemm il-ligi u ma tistax titnehha plus li min hu gie misruq hafna drabi. Skond CM qed isir l- abbuz kuljum ghax jipparjaw nies li mhux suppost. Fuq il-parking, RA qal li is-sindku jista jipprocedi fuq dan il-parkegg u jipprova inehhih.

48.2.3 Il-Minuti gew approvati

## 48.3 Komunikazzjoni mis-sindku

48.3.1 Is-Sindku informa li beda il-progett biex isir id-dawl f'Republic Street u mad-dawra tar-ringroad. Ir-ring road ser tixghel sew. Hemm it-tama li sa l-ahhar tas-sena jitlesta dan il-progett.

48.3.2 Is-Sindku informa li qed jikkuntatjawna Cinizi mill-villagg fejn originat il-panda Chengdu biex isir friendship agreement.
GA spjagat li China l-ewwel ma saqsiet ghal friendship agreement u wara li hadet parir minghand l-ufficcju ta l-istrategija tal-gvern lokali, dawn issuggerew li peress li ic-Cina ahjar niffirmaw twinning minhabba protokolll. Jekk jigi ffirmat friendship agreement ma nigux infurmati mill-foreign affairs bi problemi u jista ikun hemm.

48.3.3 **Progett ta' San Pawl**
Is-Sindku fahhar li Stefano zampa u il-voluntiera qed jaghmlu il-monument ta San Pawl. Qal li inizjattiva tar-residenti voluntiera ta' l-area. Il-GHRC ser ikompli jaghmlu xoghol. Huma talbu biex issir qisha pjazzetta miftuha ghall-pubbliku. Is-sindku mar fuq il-post biex jara. Ghrc irrikomandaw biex jitnehhew it-8 parking bays li hemm pero is-sindku informa li ser jitnehhew 4 biss minflok. Dawn li huma wara il-monument. Ser titwessa il-bankina u in-nies li jitilghu minn tarf ta' mal hajt fejn in-naha tal-gabbana jistghu jibqu mixjin fuq il-bankina. Mill-4 parkeggi li hemm tat-tarf huma kontra il-ligi. Jekk il-parkeggi jitnehhew il-progett pero, peress li huma hodor, is-Sindku issugerixxa li dawn il-parkeggi jittiehdu minn x'imkien fejn hemm il-bojod.
Diskussjoni twila bejn Is-sindku, RA u CM fuq dawn il-parkeggi. Skond RA ir-resident jista jipparkja kullimkien u jekk jittiehdu parkings bojod min mhux resident xorta fuq tar-residenti jipparkja ghax enforcement mhux qed isir.
Is-Sindku qal li jekk dawn il-parkeggi mhux ser jitnehhew b'kapricc imma biex l-area tisbieh. CM irid garanzjija li dawn il-parkings ser jigu rilokati u ser jinsabu parkings godda flokhom.
RA baqa jinsisti li ma iridx li jittiehdu 4 parking bays minhabba r-residenti.
Is-Sindku baqa jinsisti li irridu insibu parking alternattiv u ma nistghux inkunu kontra il-progett minhabba parking.
RA ma iridx li ikomplu jittieklu il-parkings. RA fakkar li il-barrakka u l-MCC isiru l-events u enforcement fil-ghaxija ma isirx u jekk xi hadd mhux mill-belt jipparkja u resident ma isibx. Qal ukoll li hu resident jaqdih billi ikollu fejn jipparkja u mhux billi tikber il-bankina.
VF issugerixxa li nippruvaw insibu parkings li diga intilfu.
Is-sindku nforma lil RA li hemm il-pjanti lesti li saru mill ghrc u mhux minn xi hadd ma jifhimx.

RA qal li in-nies tal-ghrc mhux residentI il-belt u li huwa kontra jekk ha jitnehhew parkings. Ghas-sindku il-problema hija l-exhuast u li kien ghalih karozzi il-belt jidhlu biss tar-residenti.
VF jemmen li il-belt ghandu bzonn studju kbir dwar il-parking ghax hija problema. VF jaqbel mas-sindku li hemmhekk qas jidhlu il-karozzi. VF semma ukoll l-imwejjed u is-siggijiet quddiem il-hwienet li ukoll jiehdu parkings tar-residenti. Qal ukoll li ma jaqbilx li isiru tigijiet dar il-mediterran ghax jaghmlu inkonvenjenza kbira.
Kien hemm argument bejn RA u is-Sindku fuq dan.
RA infurmah li GHRC ma dahlitx fil-bicca tax-xoghol u saqsa jekk il-fondi gewx mill-ghrc jew minghand il-ministru aaron farrugia. Infurmah li tkellem ma Sur Cauchi CEO tal-GHRC u dan qallu li din mhux idea tajba.
Ray qal li hu kontra.
Il-mistoqsija hija biex jigu rilokati 4 parkeggi minn fejn ha isir il-progett ghall-x'imkien iehor.
RA ried ikun jaf jekk parkings bojod ux ha isiru hodor jew inkella ux ha isibu parkings x' imkien iehor.
CM irid li jaraw fejn nistghhu insibu parkeggi godda li mhux jintuzaw flok niehdu parkings bojod u naghmluhom hodor.
Is-sindku talab ghall approvazzjoni tal-kunsill biex jigu relokati 4 parkeggi hodor ghall-post iehor biex tkun tista issir bankina kif suppost. Informa lil kunsillera li jekk ma isirx hekk il-progett ma jistax ikompli.
Konkluzzjoni wara hin twil ta' diskussjoni:
Is-Sindku huwa favur illi jitmexxew 4 parkeggi biex isir il-progett.
GA qalet li bl-ingliz tigi 'To relocate 4 green parking bays'. Il-Green parking bays li hemm hemmekk jistghu jinzlu aktar l-isfel.
CM qal li rridu namlu l-ahjar taghna biex dawk il-parkeggi nippruvaw nirriplacejawhom b'ohrajn godda. ghandu ikun hemm dan il-kundizzjoni.
RA qal li kontra,
CM, LP,JB, VF, MSL qalu li favur.

Mozzjoni ghaddiet 6 FAVUR U 1 KONTRA. . Il-kunsill issa irid jikteb ittra lil transport malta

48.3.4 Is-Sindku informa li Pjazza Indipendenza ha jibda progett ta' tisbieh u pavimentar. Is-sindku ser ikollu diskussjoni mal-ministru Attard ghax ha jissugerixxi li tinghalaq ghall-karozzi u tkun area fejn in-nies jistghu ipoggu bil-qieghda u il-parkeggi tal-ministeri imorru mal-main road. Din hija pjazza nazzjonali fejn hemm il-katidral tal-inglizi u monument dedikat lil Dun Mikiel Scerri.

48.3.5 Is-Sindku qal li parking tat-tigijiet issir in-naha l-ohra u mhux fejn hemm il-parking tar-residenti u diga saru zewg tigijiet hekk u marru tajjeb. Issugerixxa ukoll li tezisti soundproof tal-open air u dawn ser jinvestu fiha biex kemm jista ikun jonqos l-istorbju.
Diskussjoni dwar l-istorbju tat-tigijiet.

48.3.6 Is-Sindku informa li il-gvern hareg sejha biex l-Evans issir hotel. Qal li hu ha jinsisti li hemmhekk izidu il-parkegg u mhux innaqsu. is-sindku irid li il-progett tal-pjazza ta san duminku isir ukoll u il-bst ta san duminku isir ukoll u hemm hekk ser izidu il-parkeggi. Igifieri fuq il-parkeggi mandniex alfejn ncahhdu inizzjattiva sabiha bhall-din li nemmen li ser issebbah l-area. Ray qal li jekk is sindku jispecifika fejn ha isiru hu jivvota favur pero jekk le ser jivvota kontra. Is-sindku qallu li ma jafx ezatt fejn u li dan huwa monument dedikat lil san pawl. Ray qal li hu qed jiehu hsieb l-interessi tar-residenti. Argument bejn is-sindku, chris u ray fuq il-progett u ic-caqliq tal-parking spaces. Is-sindku qal li irridu nghinu lil xulxin u noqodu attenti xnitfaw fuq facebook.

48.3.7 Is-Sindku spjega li cempillu is-sindku ta' Firenze qallu x'iddiskutew fis-Cities general meeting fejn kien hemm is-sindki kollha ta' l-ewropa. Il-belt Valletta biss ma kienx hemm. Imma biex tkun membru trid thallas, fee ta' €15000 - €20000 u ghalhekk qatt ma dhalna. Pero hija kerha li pajjiz ma ikunx membru ta' xi haga hekk, u ha jipprova wara li ikellmuna. Is-sindku ta Firenze kellmu filghaxija u ried risposta malajr imma is-sindku qallu li din trid tigi diskussa mal-kunsill. Is-sindlku ser ikellem lil ministru ta' l-affarijiet barranin, u lil prim ministru. Informa li il-ministru ta' l-affarijiet barranin huwa important li ikun jaf biha. VF staqsa x'inhi ezatt din? Is-Sindku jixtieq ukoll li jekk nidhlu membru wahda mill-laqghat issir gewwa il-Belt Valletta. MSL issugerixa li nippruvaw inkellmu lil gvern centrali. Skond is-Sindku l-unika issue hija li dan li jiehu hsieb huwa li hafna mill-laqghat li isiru mhux biss ghas-sindkui imma ghall-vici sindki, ghall-kunsilliera ex xi had risponsabbli miz-zaghzagh jaf ikollu konferenza l,mur. Huma nahseb li jaghmlu il-fee li inhallsu biex inhallsu il-vjaggi meta ikun hemm xi laqghat imma mhux cert. Is-sindku propona li

nippruvaw nsaqsu ghal-skont ghax il-Belt Valletta mhux Firenze jew Ruma. Kunsillieri qallu li trid toqghod attent kif tghidha dik ghax ma tridx tidher li ahna inqas minnhom. GA infurmat li l-ewwel ma trid taghmel hu li tibghat lid-dipartiment ta' l-istrategija imbaghad timxi skond ma jissugerixxi hu, mhux ha nikkomunikaw direttament maghhom.

48.3.6 Is-Sindku qal li bhala tmexxija, id-decizzjonijiet ittiehdu kollha flimkien u minghajr ma' naqqasna is-servizzi naqqasna id-dejn tal-kunsill. Is-sindku nforma li jixtieq li jaghmlu xi haga taht il-Kunsill bhalma hemm fic-cittadella, Interactive. Fit-2020 id-dejn tal-kunsill kien iktar minn €700,000, fit-2021 id-dejn nizel ghal €524000, fit-2022 nizel ghal €465,000, GA infurmat li id-dejn fil-verita huwa madwar €200,000 ghax hemm ammont ta' flus fosthom €79000 li iridu jidhlu tal-bankini. Is-sindku irid li inhallu sitwazzjoni sewwa ghal min gej wara il-kunsill prezenti. GA infurmat li dokumenti diga lesti ghall-audit tan-national audit office, l-accountant ghamel laqgha mas-sindku bhala il-parti politika. GA baghtet lid-dipartiment ukoll creditors list 2022. GA spjegat li bhalissa hemm xi skemi li qeghda taghlaqhom bhal tas-sette gugnio u ta' peacock gardens biex tiehu il-flus li hargu ghalihom.

## 48.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezejuttiv

48.4.1 GA spjegat li ha isir ir-roadshow tal-games of the small states of Europe, u il-Belt imdahhal bhala wahda mill-lista u ir-roadshow fil-belt ha tkun on the 20 ta Mejju. GA ha tkun qed titkellem ma LP bhala parti mill-ministeru ta' l-edukazzjoni, u mad-dipartiment tal-gvern lokali. Ha taghmel lista ta' affarijiet li nistghu naghmlu go Pjazza San Gorg. Din ha tkun fully funded minn Sportsmalta. Jistghu jiehdu sehem fiha l-isport entities kollha tal-belt u ha tibghatilhom kollox bil-miktub.

48.4.2 Il-president tar-regjun bghatilna email fit-3 ta frar bir-request fejn ahna irridu security cameras minhabba illegal dumping. GA ghandha lista ta postijiet fejn isir dumping u battilu mill-ewwel ghaliex ried risposta malajr. RA staqsa jekk hux ha isir progett ? GA qalet li ma tafx u nistennew risposta mir-regjun.

48,4,3 GA infurmat li bghatet email dwar is-sistema Il-gdida ta' ......, din hija xi haga ghall-anzjani. Gieli jigi xi hadd hawn isaqsina ghal-informazzjoni. VF qal li ircevieh u ma seghtax jifthu l-email.

48.4.4 GA qalet li bghatet email minghand l-assoccjazzjoni tal-kunsilli lokali dwar il-progett STEP li huwa community fund ma l-MCST? Dan huwa xi haga sabiha li nheggu NGOs, ghandkom ftit informazzjoni imma jekk tridu iktar informazzjoni tistghu taghmlu laqgha maghhom u dawn itukom iktar informazzjoni u ideat ta' x'tistghu taghmlu. l-ghan huwa li tinkorpora ix-xjenza mal-progett, igifieri NGOs beltin jistghu jaghmlu xi haga li hija related to science biex jiehdu sehem.

48.4.5 GA infurmat li is-Sindku mar laqgha dwar il-UNESCO. Ghandha proposta minn Cartagirone li huma UNESCO heritage site biex IL-Kunsill ikun partner fi progett li jinkludi it-turizmu. Ovvjament il-kunsill ma johrog xejn ghal-progett ta' Cartagirone. Infurmat ukoll li ser tipprova taghmel project taz-zghazagh bejn pisa, cortona u il-belt Valletta. Pisa u cortona qeghdin vicin xulxin u isir progett wiehed combined.

48.4.6 GA infurmat li l-accountant ghalaq il-financial statements ta' 2022. L-accountant ghamel laqgha mas-sindku kif ghadna aktar il-fuq. Il-creditors naqsu b'€100,000. Il-kunsill approva il-financial statements 2022.

## 48.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

48.5.1 RA staqsa fuq punt 47.5..4 fuq il-Proposta tal-Wheely bins. GA infurmatu li baghtet email biex ticcekkja fuq il-prezzijiet ta' l-iskips ghadha ma rcevitx risposta. Ir-regjun staqsa jekk il-kunsill ghandux bzonn l-iskips. Spjegat li bhalissa l-unika skips huma tal-Kamrata, u li tal-Fossa fis-sajf biss meta ikun hemm il-BBQs (u fejn il-gun post). L-ammont ghadu ma huwiex kwotat pero f'wahda mill-punti LC Seg. Ez. tar-regjun infurmathom li l-ispiza tal-hlas ta jannar u frar l-ewwel €5000 se jiehdu hsieb ir-regjun filwaqt li id-differenza ser tinqasam bejn il-kunsilli lokali skond in-numru ta skips li ghandhom.

GA qalet ma tistax taqbel mal-proposta ghax jekk naghmlu wheelie bins go kull block tal-gvern ser jigu jiswew hafna flus. RA staqsa ghaliex u GA spejegat li dawn iqisuhom bhala skips u jiccargjaw ghal kull wiehed.

CM ikkummenta li dan beda issa u lanqas kien hemm flus decizi bhala ammont. Naqra fishy li jinghatha tender u l-ammont ma ikunx deciz mil-bidu?
RA qallu li mux jifhem.
Il-kuntrattur ha it-tender pero fuq l ammont ta skips ma jafx x'hemm. L-ahhar li tkellem ma GA kienet li irridu nidentifikaw kemm hemm skips f'kull lokalita. Kull skip trid tithallas. GA infurmat li kull ma hemm skips sa issa huma 3 ta fejn camrata, u anki il-fossa.
CM tkellem fuq l-ammont li ser jithalsu fix-xahar
GA nfurmat li il-collection xorta ser nibqghu inhallsuha. Flok jithallas lil kuntrattur jithallas lir-regjun.
RA ikkonfirma li bhala kuntratt mhux ser imorru oltre mill kuntratt li kien hemm qabel
GA spjegat li il-collection u l-iskips humwa differenti pero ma tistax tghid kemm jiswew ghaliex ghadna ma nafux ghax ma hargux kontijiet.
RA fakkar li il-kuntrattur ta' qabel (Galletta) ma kienx izomm ta' l-iskips imma issa ir-regjun qed jitlob extra fee ghall-kull skip.
RA staqsa jekk hemmx xi kwota sakemm nistghu inzidu skips over and above kemm hi ir-rata.
GA infurmat li fi zmien kunsill iehor il-kunsill gie mheggeg li jnehhi l-iskips kollha. Imma minhabba il-concentration ta nies fin-naha tal-camrata kienu qedin jispiccaw b'munzell zibel fit-triq u ghalhekk ghandhom l-iskips.
Bil-permess tal-kunsillera GA ser tkellem lil kuntrattur biex itiha quotation ghall old prison block u mattia preti u papa piju jekk flok joqghod jigbor borza borza jigbor wheelie bin. Tara jekk jaqbilx.
RA nforma li il-kolloettur qallu li jekk jaghmlu hekk lilu jiffrankalu ix-xoghol u fl-istess hin ma ikollux jieqaf f'nofs ta triq jigbor il-boroz ghax jaqbad il-bin ibattal u jibqa sejjer.
VF ma jistax jifhem kif ghazlu il-hin?
Is-sindku AZ Ikkummenta li tas-2:30 IL Belt tidher kerha kollha zibel. (Diskussjoni kemm xejn tahraq fuq is-sitwazzjoni tal-iskart. )

48.5.2 RA tkellem fuq post li tefa CM li tghid li minghajr l-appogg tal-minoranza Nazzjonalista il-progett tal-faccata ta' ma kienx ser ikun approvat. Qed inkun car bizzejjed mhux in favur ghalhekk maggoranza Nazzjonalista maqghuda ghamlet id-differenza kollha. Ray ried ikun jaf jekk hux qed jirreferi ghall-faccata jew fuq id-dawl.
CM qallu li kien qed jitkellem fuq il-progett tal-faccata. Qal lil RA li il-pozizzjoni tieghu ma kinitx favur.
RA saqsieh ux qed jghid li hu kien kontra
CM qallu li hu ma semmiex ismijiet.
RA irid apologija minghand chris fuq din.
Argument bejn RA u CM fuq dan il-post u fuq affarijiet ohra.
GA qalet li ahna kellna flus mizmumin fil-fond li ga ghandna il-planning authority.
Wara mistoqsija tal-kunsillier RA, GA spjegat li dan huwa progett wiehed. Il-flus l-ebda wiehed minnhom ma kien se jittiehed milli li ghandu lesti tal-bankini u li se inkomplihom ghax issa hemm kollox in order u l-perit gie approvat. Il-flius tal-faccata ta' san pawl qatt ma kienu tal-bankini. Il-Kunsill zamm l-applikazzjoni ghaliex kelli niehu 70 elf ghal xoghol li sar u thallas.
Saret diskussjoni bejn AZ, RA, u CM.
Is-Sindku qal li il-politika ma issirx hekk u li min hu serju ma jitkellimx b'dan il-mod, umin hu serju jitfa affarijiet posittivi fuq il-facebook bhalma jaghmlu politici ohra.
Is-Sindku jirringrazzja lil GA ghal-progett tal-knisja ta' san pawl ghax hadmet bis-shih fuqha mal-MEPA u l-Arcipriet u din kienet xi haga pozittiva. GA infurmat li ghadt irid isir agreement bejn il-Planning Authority u il-Kurja u il-kuntratt ghadu ma giex iffirmat.
Il-Faccata hija Grade 1 building u dawn iridu approval ta' legal notice li ghadha mhux approvata
RA staqsa jekk il-fondi tal-bankini li hemm approvati mill-planning li ghadhom ma gewx ghandna, dawk ha ituhomlna.
GA spjegat li iva u li waslu fil-final stages ta l applikazzjoni u ghandha kollox dokumentat li qeghdin jigu evalwati l-affarijiet kollha.
RA qal li kien jemmen li San Pawl kellhom jaghmlu bhal santu wistin, san duminku u tal-karmnu u juzaw fondi tal-gvern, ma kellniex ghalfejn nuzaw il-fondi tal-planning authority.

48.5.3 Is-Sindku saqsa lil JB ghal-updates fuq il-preparamenti ta Augusta.
GA infurmat li ha isir ftehim bhalma sar ma' La Valletta fil-passat, din id-darba mal-kings own. Permezz tal-progett twinning bejn mit-23 sat-25 ta' Mejju ser izuru Augusta. Ser ninfurmawkom biex min huwa interessat jakkumpanja lil banda jkun parti mill-grupp tal-progett.

48.5.4 LP informa li attenda seminar ma GA fuq Project Green. Huma identifikaw 2 inhawi fejn jista isir l-embellishment taghhom. Hemm application li hija rigoruza hafna u li hu u GA ser jahdmu fuqha. Il-hsieb tieghu kienu int u diehel ghal Triq San Mark hemm il-gnien zghir, u pjazza San Duminku. GA spjegat li il-pjanta li kien issubmittja il-perit ghal Pjazza San Domenico imma meta hi tkellmet mas-sur Cohen kien hemm problem bit-traffic management ghax il-perit kien ghamel triq fin-nofs. L-ahhar version tal-pjanta ser nissubmittjawh mal-progect green.

48.5.6 JB informa li L-Banda tal-pulizija ser taghmel kuncert fl April. Jixtiequ li jsir mal-kunsill lokali u ser ikun qed ihallas ghal-ispejjes ta sound u xi spejjes ohra. Dan ser jittella f'isem id-dar tal-providenza. IL-Kunsill qabel dwar dan.

48.5.7 RA informa li il-gimgha iltaqa ma xi genituri tat-tfal mill-belt li qed imorru l-iskola tal-Furjana. Qal li kellmuh u dan informa lil LP peress li jahdem mal-ministeru ta' l-edukazzjoni. Dawn in-nies qed jissugerixxu li bhala kunsill niffinanzjaw van biex ikun jista iwassalhom l-iskola. Huma qalu lil RA li meta tkellmu ma xi hadd dan qalilhom li din hija problema li il-vannijiet qed jithallsu hafna. RA issugerrixxa li isiru 3 stops wahda tieqaf fejn il-general workers union, wahda tieqaf fejn il-British Legion (Melita Street) u dan talbu €3500 fis-sena. RA qal li iltaqa ma genituri ta' 11 il-tifel u tifla li jmorru l-iskola tal-furjana li qed isibu problema meta tkun ix-xita jew is-shana. It-tfal iridu imorru fix-xita jew fix-xemx. Is-sindku informa li hu ma ghandux problema u li b'xi mod insibu il-flus biex inhallsu dan il-van pero hija risponsabilta tal- ministru ta' l-edukazzjoni li jara li it-tfal ikunu moqdijin sew. RA qal li irid jitkellem mal-ministru ta' l-edukazzjoni fuq din. LP informa li dawn l-istudenti li huma 'out of locality' ghaliex it-tfal tal-Belt suppost imorru l-iskola tal-Belt. It-transport il-ministeru jaghtih ghal dawk li jigu fil-lokalita suppost taghhom. LP informa li sal-lum stess kellem lid-direttur tat-transport biex isibu zblokk ghax trid tigi approvata rotta gdida irid japprovaha il-permanent secretary. Irridu inzommu f'mohhna li hemm certu affarijiet kuntrattwali bejn il-ministeru u tal-vannijiet.
GA spjegat li 'worst case scenario' ma nirrangawx mal-ministeru il-kunsiil ihallas pero il-kunsill irid jaghmel insurance apposta. LP informa li ha nidhlu ghall-commitment tal-minorenni u li la darba inti qed thallas ghal dak is-servizz inti risposabbli ghat-tfal li jirkbu f'dan il-van. LP informa lis-sindku li irid jaghmel kuntratt mal-provider. LP informa li il-Ministeru ta' l-edukazzjoni huwa risponsabbli tal-vannijiet ta' l-iskola u li once li hemm kuntratt mieghu inti risponsabbli daqsu anki tat-tfal. GA infiurmat li ha titkellem mal-permanent secretary flimkien ma LP ha tara x'inhuma l-advantages. IL-KLV favur li jaghtu dan is-servizz ghax l-edukazzjoni tat-tfal hija important.

## 47.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

47.8.1 NIL

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Frar 2023

Il-laqgha tal-kunsill aggornat ghat-Tlieta 21 ta' Marzu 2023 fl-5pm.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv